MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Stqarrija

6 ta' Novembru 2019

## L-MFSA tippubblika Dokument dwar l-Aspettattivi Superviżorji tagħha li fih tindika l-istandards ta' konformità mistennija

- L-MFSA tistipula l-aspettattivi superviżorji għall-entitajiet liċenzjati flimkien ma' numru ta' prattiċi tajbin
- Id-dokument hu maħsub li jsaħħaħ il-kuntatt superviżorju tal-Awtorità mal-entitajiet liċenzjati
- L-Awtorità tistenna li l-kumpaniji jindirizzaw id-differenzi bejn il-prattiċi interni u l-istennijiet tal-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta indikat l-aspettattivi superviżorji għall-entitajiet liċenzjati u pprovdiet serje ta' prattiċi tajbin li dawn l-entitajiet huma mistennija li jsegwu.

F'publikazzjoni bit-titlu ta' "*Supervision: Risks Identified, Weaknesses and Expected Controls – A Cross-Sectoral Analysis*", l-MFSA tidentifika r-riskji ewlenin li jistgħu jinħolqu għall-klijenti tal-entitajiet awtorizzati u li joperaw fis-settur tas-servizzi finanzjarji u għas-suq b'mod ġenerali. L-MFSA qed tiġbed l-attenzjoni wkoll lejn nuqqasijiet ewlenin li identifikat waqt il- ħidma superviżorja tagħha.

Fid-dawl tal-istrateġija tal-Awtorità li ssaħħaħ is-superviżjoni u l-kuntatt mal-entitajiet, fil-ġimgħat li ġejjin l-MFSA se tippubblika wkoll dokument li fih tindika l-Prijoritajiet Superviżorji għall-2020. Dan id-dokument se jindika kif, permezz tas-superviżjoni, l-MFSA se tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fil-pubblikazzjoni tal-lum.

L-MFSA tenfasizza li qed tistenna li l-entitajiet regolati minnha jiddiskutu l-kontenut ta' dan id-dokument mal-Bord tad-Diretturi tagħhom (jew organu amministrattiv ekwivalenti), kif ukoll mat-tim tal-maniġment eżekuttiv tagħhom, u li ssir analiżi ta' kif il-punti indikati jistgħu japplikaw għall-kumpanija tagħhom. L-entitajiet huma mistennija jindirizzaw kull diskrepanza li hemm bħalissa bejn l-oqfsa u l-prattiċi interni u dak li hu mistenni minnhom, kif indikat f'dan id-dokument u li jistabbilixxu l-proċessi neċessarji biex jiżguraw li l-organizzazzjoni tkompli tilħaq dawn l-aspettattivi fuq bażi kontinwa.

Marianne Scicluna, Chief Officer tas-Superviżjoni fl-MFSA kkummentat li: "L-Awtorità qed tippjana li tintensifika l-ħidma superviżorja, billi twessa' l-ħidma tagħha u tgħolli l-istandards. L-MFSA għaqqdet it-tliet pilastri tal-istrateġija superviżorja tagħha – dik prudenzjali, ta' kondotta u dik ta' kontra l-ħasil tal-flus – biex tiżgura superviżjoni aktar olistika u effiċjenti. Il-pubblikazzjoni tal-Aspettattivi Superviżorji hija parti mill-impenn li ssaħħaħ il-kuntatt mal-entitajiet awtorizzati, bl-għan li tippromwovi u tiżgura governanza tajba u standards għoljin ta' konformità u kondotta.

## DWAR L-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjonijiet. Mis-sena li għaddiet, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tas-settur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,300 fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li jifforma 11% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155

communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt